*Kitba ta' Twanny Chircop ofm*

# l-Art Imqaddsa għalina nsara...



L-Art Imqaddsa hi medda żgħira ta' art bejn ix-xatt tal-lvant tal-Baħar Mediterran u l-wied tax-xmara Gordan u l-Baħar il-Mejjet. F'din il-medda art seħħew il-ġrajjiet ewlenin tas-salvazzjoni tagħna, li nsibuhom rakkontati fit-Testment il-Qadim. Fiha wkoll twieled u għex Gesù Kristu, inkitbu l-kotba tat-Testment il-Gdid u twieldet l-ewwel komunità nisranija f'jum Pentekoste.

Kien għalhekk li l-insara ta' kull żmien kellhom xewqa kbira li jżuru l-Art Imqaddsa, u l-aktar il-Postijiet Qaddisa marbutin mal-fidwa tagħna. Meta nsemmu Postijiet bħal Nazaret, Betleħem, Kafarnahum u Gerusalem, mall-ewwel niftakru fis-Santwarji li jimmarkaw il-ġrajjiet ewlenin tal-ħajja ta' Gesù, tal-Verġni Marija u ta' l-appostli u l-ewwel dixxipli.

Sa mill-ewwel sekli l-insara kienu jmorru f'Pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa. L-iskop tal-Pellegrinaġġ dejjem kien dak li jiċċelebraw il-misteri tal-Fidwa fuq il-Postijiet li fihom seħħu tabilħaqq. Hekk għandna Tradizzjoni bla taqta' li hi xhieda ta' l-awtentiċità ta' dawn il-Postijiet Qaddisa jew Santwarji tal-Fidwa.

L-Art Imqaddsa għaddiet minn ħafna taqlib storiku. Wara ż-żmien apostoliku u l-ħakma Rumana, l-Art Imqaddsa, jew Palestina, għaddiet taħt il-ħakma nisranija ta' l-Imperu Biżantin. F'dan iż-żmien il-Palestina kienet kollha nisranija. Imma mal-miġja tar-reliġjon Islamika, il-Palestina għaddiet taħt il-ħakma ta' mexxejja Musulmani. Bejn l-1090 u l-1291 l-Art Imqaddsa reggħet waqgħet taħt il-ħakma nisranija tal-Kruċjati, li ġew mill-Ewropa, imma mat-tmiem tar-renju Latin ta' Ġerusalem reġgħet għaddiet f'idejn il-Musulmani u mbagħad f' idejn it-Torok Ottomani.

Kien f'dan il-perjodu li S. Franġisk t'Assisi żar l-Art Imqaddsa fl-1219, biex iġib il-paċi bejn il-Kruċjati u s-Sultan ta' l-Eġittu. Mill-1229 il-Patrijiet Franġiskani dejjem kienu preżenti fl-Art Imqaddsa, hekk li fl-1342 il-Knisja Kattolika irrikonoxxiethom bħala l-Kustodji, jew ħarriesa uffiċjali tas-Santwarji tal-Fidwa (Ċenaklu, Qabar ta' Kristu, Betleħem). Din id-data timmarka l-bidu tal-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa. Sallum il-Franġiskani għadhom il-Kustodji uffiċjali tas-Santwarji kollha tal-Fidwa (Nażaret, Tabor, Kafarnahum, Kana, Għajn Karem, Għemmaws, Betleħem, Ċenaklu, Ġetsemani, Qabar ta' Kristu f'Ġerusalem, biex inkunu semmejna biss l-ewlenin).

Ix-xogħol tal-Franġiskani hu dak li jakkumpanjaw il-Pellegrini li jżuru l-Postijiet Qaddisa, kif ukoll li jieħdu kura pastorali tal-komunità ta' l-insara Kattoliċi li jgħixu fl-Art Imqaddsa, billi jipprovdulhom parroċċi, skejjel, postijiet tax-xogħol, u opri ta' karità. F'din il-ħidma l-Franġiskani huma megħjunin mill-insara taddinja kollha, permezz tax-xogħol li l-Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa jagħmel f'kull pajjiż, inkluż Malta.

Illum il-ġurnata, l-Art Imqaddsa hi politikament magħmula mill-Istat ta' Israel u mit-Territorji Awtonomi tal-Palestina. Nafu f'liema tensjoni qed jgħixu dawn il-popli, u għalhekk il-ħidma u t-talb favur il-paċi fl-Art ta' Gesù huma mportanti ħafna, biex il-Franġiskani jkunu jistgħu jkomplu l-ħidma tagħhom f'isem il-Knisja.

Meta żar l-Art Imqaddsa fl-1964 il-Papa Pawlu VI kien sejħilha "il-Ħames Vanġelu". Il-Papa Ġwanni Pawlu II ukoll żar l-Art Imqaddsa fil-Ġublew tas-sena 2000 bħala Pellegrin ta' Paċi.

Għalina l-insara l-Art Imqaddsa għandha tibqa' Vanġelu ħaj, li għandna nagħmlu ħilitna li nżuruha u nitolbu fiha almenu darba f'ħajjitna.